Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 192/2012

**GO plc – C22334**

**vs**

**Hawden Joanne Susan
ID-56069(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija wiehed u sebghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€771.73c), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40142575), u li jinkludi telefon 21582845; servizz ta' televisjoni 1425094299, u servizz ta' ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Jannar 2010.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir

din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A, prospett AC 40142575, Dok. B, kuntratt datat 5 ta' Jannar 2010, Dok. C, estratt mir-registru elettorali, Dok. D, traduzzjoni tat-talba u Dok. E, ittra ufficjali 4484/11.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija wiehed u sebghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€771.73c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------